**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 31 ta' Ottubru, 2018**

**Mandat Nru: 1557/2018/1 AF**

**Doris Sammut mart Peter Sammut f'isimha proprju bhala Prokuratrici Generali u Mandatarja Specjali ta' hutha msiefrin u residenti l-Awstralja u cioè Margaret Calleja u Josephine Hill mart Gerard Thompson Hill u kif ukoll Antonia Calleja mart Mario Calleja residenti f'Malta**

**vs**

**Michelina armla ta' Anthony Calleja**

**u**

**Michael Caruana u martu Annette Caruana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Doris Sammut f'isimha u ghan-nom ta' Margaret Calleja u Josephine Hill flimkien ma' Antonia Calleja, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet zzomm lil Michelina Calleja u lil Michael u Annette mizzewgin Caruana milli b'xi mod jittrasferixxu *"bungalow"* 1A fit-Torri l-Abjad, il-Mellieha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Michelina Calleja.

Rat ir-risposta ta' Michael u Annette konjugi Caruana.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors, li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-vertenza odjerna tirrigwarda "*bungalow*" mibnija illegalment fuq art pubblika. L-istess rikorrenti jirrikonoxxu dan pubblikament fl-ittra ufficcjali minnhom mibghuta lill-Awtoritajiet koncernati. Kieku din il-Qorti kellha toffri protezzjoni ta' xi jedd fuq din l-illegalità tkun qeghda tiffacilita l-istess illegalità. Il-Qorti ma tirriskontra ebda jedd *prima facie* li jista' jigi kawtelat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tal-1 ta' Ottubru 2018 u tichad it-talba definittivament.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF